# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 6 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 408/97**

**Numru 20**

**Micallef Insurance Agency Ltd bhala agent tas-socjeta assiguratrici estera Independent Insurance Company Ltd. kif surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi fid-drittijiet tal-assigurat taghha Paul Manicolo**

**vs**

**Alain Dominique Le Breton**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine s-somma ta' erba' mija u sittax-il lira maltija (Lm416) in linea ta' danni mill-konvenut kagunati fil-vettura

B-6541 tal-assikurat tas-socjeta' attrici nhar il-5 ta' Mejju, 1996 f'Qormi filwaqt li kien qed issuq 475 ITC 45 ghal liema kollizzjoni il-konvenut unikament responsabbli stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u ghal liema danni s-socjeta' attrici kellha taghmel fronti in vista ta' polza ta' assikurazzjoni "comprehensive" u linea tinsab surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi, prevja d-dikjarazzjoni tar-responsabbilta tal-konvenut ghall-istess kollizzjoni.

Bl-ispejjes, inkluzi Lm10 tal-konsulti, tal-ittra interpellatorja datata 30 ta' Mejju, 1996, tal-ittri ufficjali datati 6 ta' Dicembru 1996 u ta' Frar, 1996, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (fol 2 ibid):

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' l-avviz ma garax tort tieghu, izda gara unikament tort u htija tal-assikurat tal-attur Paul Manicolo, s-sewwieq tal-vettura numru BAD 725, li naqqas milli izomm fuq in-naha tieghu tat-triq bir-risultat li huwa habat mall-vettura tal-

esponent waqt li dina kienet ghaddejja regolarment u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, liema danni f'kwalunkwe kaz huma ezagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-habta in esami, bejn vettura bin-numru BAD 725 misjuqa minn Paul Manicolo u ohra bin-numru 475 ITC 45 misjuqa mill-konvenut, grat f'Triq il-Mithna f'Hal Qormi vicin il-kantuniera ma' Triq San Frangisk. Hawnhekk issir referenza ghall-<u>iskizz skalat</u> esebit in atti a fol 23 u maghmul minn <u>PS 134 Joseph Attard</u> (fol 19 et seq ibid). Fuq l-istess dokument ghandhom jigu notati:

a) il-mera' fl-ahharnett ta' Triq il-Mithna u il-"metal beam" fil-kantuniera bejn l-imsemmija zewg toroq;

b) il-posizzjoni rispettiva tal-vetturi involuti;

c) l-anglatura in rigward l-istess zewg toroq u;

d) il-post tal-impatt ("spot of impact") kif stabbilit mill-istess xhud.

Illi, in rigward il-posizzjoni tal-vetturi kif murija fuq dan l-iskizz il-partijiet involuti ma jaqblux dwar dan il-punt. Filfatt Paul Manicolo (fol 22 u 25 u 26 ibid) jsostni li, wara l-habta, il-vettura tieghu ma ccaqilqitx izda giet spostjata biss, dik misjuqa mill-konvenut. Dan tal-ahhar asserixxxa (fol 22, 30 u 31 ibid) li z-zewg vetturi kienu ccaqalqu, il-tnejn, wara l-istess habta.

Illi, in rigward l-"spot of impact", l-istess PS 134 Joseph Attard kien stabilixxa dan fuq il-post tal-incident, a basi ta' "tajn". In rigward dan, hu, testwalment, qal "Nixtieq nispjega li, mad-daqqa, tajn illi jkun akkumulat u iebes jaqa' mal-art kif gara bhal f'dan il-kaz. Jien urejt dan it-tajn liz-zewg partijiet".

Ikkunsidrat

Illi Paul Manicolo assikurat mas-socjeta attrici nomine (fol 24 et seq ibid) sostna li "…. Jien waqaft fejn hemm indikat "mirror" (fuq

l-imsemmi skizz) u kien ghamel dan peress li zewg “vans” kienu gejjin minn Triq San Frangisk. Wara li dawn ghaddewh u waqt li kien ghadu wieqaf, gie, warajhom, il-konvenut u fi kliem l-istess xhud “…. Meta dar, hadha bit-tul” avolja ma kienx ghaddej b’sahhtu hafna. Minhabba hekk, il-karozza misjuqa mill-konvenut laqtet dik tieghu, ghadha wieqfa (ara ukoll ix-xhieda ta’ martu Rita Manicolo a fol 37 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, da parti tieghu, xehed (fol 29 et seq ibid) li kif ipprova jdur u jidhol minn Triq San Frangisk ghal Triq il-Mithna, u sab dak li hu indikat fuq l-iskizz bhala “metal beam” u minhabba hekk “…. I had to move out”. Hawnhekk hu sab il-karozza ta’ Paul Manicolo, li skond hu ma kienetx wieqfa. In rigward l-iskizz, hu irrimarka li ma kienx jaqbel mal-qisien hemm murija kif ukoll sostna li l-karozza misjuqa minn Paul Manicolo kienet “.. more towards the middle of the road”. Inoltre, hu asserixxa li “When you pass the metal beam you cannot go very far towards your right because the street, St Francis Street, is narrower” u “… I would say that (the spot of impact)……was also towards the front of the other car”.

Ikkusidrat

Illi, mill-premess jidher li gie pruvat li l-konvenut meta dar "… minflok ghamel short turn, ghamel long turn" (Rita Manicolo a fol 38 ibid). Inoltre jidher li gie pruvat minn dak li kkonstata PS 134 Joseph Attard fuq il-post tal-incident illi l-"spot of impact" kien fuq in-naha tat-triq fejn kien hemm wieqaf Paul Manicolo, fuq "the proper side of the road". Ghalhekk il-kawza immedjata ta' dan l-incident tidher li hi nuqqas ta' prudenza u d-debita kawtela da parti tal-konvenut, li, ma uzax l-attenzjoni rikjesta minnu sabiex, waqt li kien qed jsud mal-"metal beam" imsemmi, ma joltrepassax il-linja medjana immaginarja u, b'hekk, jevita li ssehh din il-kollizjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-ammont ta' danni pretizi fl-avviz in esami ma giex kontestat (ara ukoll id-deskrizzjoni ta' dawn fl-imsemmi rapport a fol 22 tal-atti).

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm416.00,0;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta‘ Lm416.00,0 bl-imghax legali mit-3 ta’ Marzu 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta’ Mejju 1996 u ta’ dawk ufficjali tas-6 ta’ Dicembru 1996 u ta’ Frar 1997 oltre Lm10 ta’ konsult imsemmi fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur